22 ta' Ottubru 2016
94/2016

# ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ MARTRI, ĦAL QORMI

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Mario Mangion bħala arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal Qormi.

Dun Mario Mangion twieled fit-18 ta' Mejju, 1981. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja u sekondarja fil-Kulleġġ Santu Wistin, u kompla l-istudji terzjarji fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta.

Dun Mario ġie ordnat saċerdot fl-1 ta' Lulju 2007. L-ewwel esperjenza pastorali tiegħu kienet fil-Parroċċa taż-Żejtun, fejn serva bħala viċi-arċipriet għal tliet snin. Fl-2010 huwa nħatar kappillan tal-Parroċċa ta' Marsaxlokk fejn serva għal dawn l-aħħar sitt snin.

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal Qormi, tiġbor fiha madwar 10,000 persuna f'2,870 familja.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org